MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 482/2013

Appell Nru: 482/2013

Il-Pulizija

Spettur Victor Aquilina

vs

Brandon Luke Meilaq

Illum, 13 ta' Novembru, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra l-imsemmi Brandon Luke Meilaq, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 530286M talli:

F'dawn il-Gzejjer, nhar l-20 ta' Dicembru, 2009, u fit-tlitt xhur ta' qabel:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligiijet ta' Malta, lil persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr

ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jfornu d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id- disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli forna jew ipprokura li offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id- disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-20 ta' Dicembru, 2009, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl- Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mil-President ta' Malta li jkollu d-droga

msemmija fil-pussess tieghu u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il- Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

d. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikouzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal- Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill- President ta' Malta, li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir- Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu; e. Fl-ahhar nett talli b'hekk kiser ordni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr Lawrence Quintano, sentenza li nghatat fit-2 ta' Dicembru, 2008 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula. (Artiklu 22 tal-Kapitlu 446).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Ottubru, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta; Rat ukoll l-Artikoli 9, 22(1), 22(2)(b), 22(1B), 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; GN292/1939 – LS 101.2 Reg 4, l-Artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Sabithu hati tal-ewwel zewg akkuzi ta' traffikar tad-droga eroina u kokaina; filwaqt illi qieset it-tieni zewg akkuzi ta' pussess aggravat huma assorbiti fl-istess.

Dwar il-piena, qieset anke l-eta' tieghu, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija fi stadju inizzjali ta' din l-investigazzjoni, u ulterjurment meta kien qieghed jigi nvestigat persuna ohra; kif ukoll li l-ahhar koperazzjoni tieghu wasslet biex jitressaq din il-persuna.

Ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' tlitt snin u nofs, u ghal multa ta' €5,000; Tikkundannah ukoll ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal €816.20.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Brandon Luke Meilaq, presentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Novembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabithu hati ta' pussess ghal uzu esklussiv tieghu, kif ukoll tal-imputazzjoni (e), filwaqt illi tirrevokaha fil-bqija; alternattivament, tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena inflitta, u minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti sepci tal-kaz.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant Brandon Luke Meilaq.

Rat l-aggravji tal-appellant illi huma s-segwenti:

L-ewwel aggravju tal-appellant, jirrigwardjaw ic-crikostanzi li fihom giet rilaxxjata t-tieni stqarrija tieghu, (esebita in atti a fol 100 u mmarkata bhala Dok JJF), u liema giet rilaxxata minghajr assistenza legali kif titlob il-ligi. F'din l-istqarrija, l-appellant kien qed jigi nvestigat fuq fatti ohra, u cioe kaz ta' OD li allegatament gara zmien wara l-perjodu tal-akkuzi odjerni, pero' l-Ispettur Investigattiv ta' dakinhar, u cioe' Johann J. Fenech, staqsieh wkoll domandi diretti riggwardanti il-kaz illi huwa kellu pendeni l-Qorti mal-Ispettur Victor Aquilina; tant illi wara illi ttiehdet din l-istqarrija, l-Ispettur Aqulina talab korrezzjoni fl-akkuzi migjuba minnu, u dan sabiex jirrifletti dak illi l-appellant kien qal lil Ispettur Fenech.

Jigi rilevat, fl-ewwel lok, illi l-Pulizija ma ghandiex dritt illi terga tinterroga persuna mill-gdid, meta l-kaz taghha jkun maghluq f'dik li hija nvestigazzjoni, tant lit kun ga ressqithu l-Qorti fuqu. Filfatt, hija prassi normali illi meta persuna, li jkollha kaz

pendent l-Qorti titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti qabel taghmel kwalunkwe kuntatt mal-Pulizija. Fi kliem iehor, jigi umilment sottomess illi l-Pulizija ma kellha ebda dritt, illi tinterroga lil l-appellant fuq kaz li kien diga' mghaluq, u ghalhekk tressaq prova gdida kontrih, meta l-investigazzjoni tkun ilha li giet definittivament konkluza.

Inoltre, l-appellant, fl-ebda hin ma inghata l-opportunita' li jkellem l-avukat ta' fiducja tieghu, qabel ma gie mistoqsi fuq dan il-kaz. Ghalhekk jirrizulta car illi l-istqarrija rilaxxata minnu, giet rilaxxata mighajr assistenza legali, u ghalhekk ma ghandiex tittiehed in konsiderazzjoni. Inoltre, huwa dubjuz kemm fil-fatt l-appellant fehem illi huwa kien qed jigi issa interrogat fuq il-kaz l-iehor illi huwa kellu pendent l-Qorti!

Illi jigi ulterjorment sottomess illi mill-mod kif inhi redatta t-twissija fl-istess stqarrija minn imkien ma jirrizulta illi l-appellant inghata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jikkoncerna il-piena moghtija. Illi f'dan is-sens l-appellant jilmenta li tenut kont tac-cirkostanzi, il-piena imposta fuqhu hija wahda eccessiva; ghalhekk fid-dawl ta' dak sottopost, l-appellant umilment jissottometti li setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta.

L-ewwel ilment tal-appellant f'dan is-sens, huwa msejjes fuq u il-fatt illi l-Ewwel Qorti naqset milli tapplika dak li jiddisponi l-Artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligjiet ta' Malta, u dan peress illi tul il-proceduri kollha, u anke propju fl-ahhar seduta, l-prosekuzzjoni sahqet illi l-appellant ghandu jgawdi minn tnaqqis fil-piena u dan fil-massimu, meta huwa kkollabora bi shih maghhom, u permezz tal-informazzjoni illi huwa ghaddielhom, huma bhala Pulizija rnexxielha iressqu persuna l-Qorti, u cioe l-Freddie Delia, maghruf bhala l-pajpah, akkuzat bi traffikar tad-droga.

L-appellant umilment jissottometti illi dan il-fatt ma giex effettivament rifless fil-piena. Filfatt ghalkemm fil-parti depozittiva tas-sentenza moghtija fil-konfronti tieghu, il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha rrimarkat illi a rigward tal-piena nflitta,

hija kienet qed tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-appellant ikkollabora bi shih mal-Pulizija, jidher car, illi d-dispozizzjoni tal-artikolu 29 ma giex imbghad applikat.

Inoltre jidher car illi wahda mir-ragunijiet illi wasslet lil l-Ewwel Onorabbli Qorti, sabiex timponi l-piena li mponiet, kienet peress illi fi kliemha stess, l-appelalnt ghandu ma rriformax ruhu totalment, ghax darba nstab posittib ghal test ta' sustanzi illeciti, kfi ukoll ghandu minghajr impjieg. Jidher ghalyhekk illi l-fatt illi l-appellant ma rnexxilux johrog kompletament minn din il-problema, ippregudikatu. Bir-rispett kollu l-appellant ma jaqbel xejn ma dan ir-ragunament, u dan peress illi kulhadd jaf illi dawn it-tip ta' problemi, specjalment meta jkunu akuti bhal fil-kaz tal-appellant, jiehdu z-zmien taghhom biex jissolvew. Pero' minn dak li xehdet l-Ufficjal tal-Probation Odelsey Bayliss, jirrizulta car illi l-appellant ghamel sforzi kbar sabiex jindirizza l-problema tad-droga, ghalkemm ma harigx minnha kompletament, u dan huwa l-fatt illi solitament Qorti taghti mportanza.

Illi fil-mori tad-differiment sabiex tinghata s-sentenza fil-konfront tieghu, l-appellant sab impieg fiss. F'dan ir-rigward, ikun ghalhekk ghaqli illi din l-Onorabbli Qorti terga tisma lil Ufficjal tal-Probation, halli tkun tista' tapprezza ahjar l-posizzjoni tal-appellatn, kif ukoll l-isforzi li huwa beda jaghmel.

F'dan l-istqadju l-appelalnt jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li sahansitra kienu recidivi, (mhux bhal fil-kaz tieghu peress illi huwa persuna b'kondotta kompletament netta) wkoll nghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhonm gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aqulina, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi teighu kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il0-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu ordni ta' Probation.

> Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli , li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga.. u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin.. li tul dawn l-ahhar erba snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizulta fin-negattiv… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penal ital-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrizalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja famijari wkoll pjuttost stabbli.

Fis-sentenza, Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk: Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a dispozizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra is-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probatuion jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' jew li m'ghandiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra that il-Kap 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar, 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Farrugia: "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftti din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin

sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-Qrati applikaw fil-konfront teighu sia l-artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap 152; il-bqija tal-kundanni, pero' jinvolvu multi u habs… "Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma l-Avukat Gnerali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni tal-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irrevrsibilita' assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal 'first offenders' zaghzagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-crikolu ta' kundanni u ta' prigunerija.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fl-ghoxrin (20) ta' Novembru tal-elfejn u disgha (2009) l-appellant kien fil-pussess ta' Toyota Vitz bajda bin-numru ta' registrazzjoni BLM 786. Dakinhar gie mwaqqaf mill-pulizija u saret tfittxija fil-vettura. L-appellant stess indika lill-pulizija illi kellu xi affarijiet mohbija taht is-switch tat-tappezzerija tal-bieba tan-naha tal-passiggier. U mohbija fil-bieba tal-karozza kien hemm ammont ta' flus, disa' (9) pakketti bi trab abjad, erba' (4) pakketti zghar bi trab kannella u zewg pakketti naqra akbar bi trab kannella ukoll. Instab ukoll telephone cellulari. Il-pakketti gew ezaminati u gie ikkonfermat illi kellhom is-sustanza tal-eroina u sustanza tal-kokaina. Fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tal-elfejn u disgha (2009) l-appellant irrilaxxa stqarrija u aktar tard, f'Gunju tal-elfejn u ghaxra (2010), tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi, fejn il-Qorti bhala wahda struttorja bdiet tisma' dan il-kaz.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri l-appellant gie interrogat mill-Ispettur Johann Fenech fuq kaz iehor mhux relatat ma' dan in dezamina u fis-sitta (6) ta' Ottubru tal-elfejn u ghaxra (2010) irrilaxxa stqarrija fejn qal illi anke fi zmien l-akkuzi odjerni kien biegh il-coke u l-ismack ghal xi hadd illi jismu Freddie Delia imlaqqam Il-Pajpaj. Fuq din l-informazzjoni l-ispettur investigattiv Victor Aquilina talab zieda fl-akkuzi migjuba minnu kontra l-appellant sabiex jirrifletti dak illi l-appellant kien qal lill-Ispettur Johann Fenech.

B'sentenza tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013) (fol 164) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal tlett snin u nofs habs, multa ta' hamest elef ewro (€ 5,000) kif ukoll ikkundannatu jhallas l-ispejjez tal-kawza. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell fejn l-ewwel aggravju tieghu jikkoncerna c-cirkostanzi illi fihom giet rilaxxata t-tieni stqarrija (fol 100) u liema giet rilaxxata minghajr

assistenza legali kif titlob il-ligi. F'din l-istqarrija l-appellant qed jigi investigat fuq fatti ohra li allegatament graw zmien wara l-perjodu tal-akkuzi odjerni. Però l-ispettur investigattiv dakinhar cioé Johann Fenech staqsa domandi diretti rigwardanti l-kaz li l-appellant kellu pendenti l-Qorti mal-Ispettur Victor Aquilina. L-appellant argumenta fl-ewwel lok illi l-pulizija ma kellhiex dritt illi terga' tinterrogah mill-gdid meta l-kaz tieghu kien maghluq u kien digà qieghed il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi in konnessjoni mal-investigazzjoni illi saret. Fit-tieni lok l-appellant fl-ebda hin ma nghata l-opportunità illi jkellem l-avukat ta' fiducja tieghu qabel ma gie mistoqsi fuq dan il-kaz u ghalhekk it-tieni stqarrija ma kellhiex tittiehed in konsiderazzjoni.

Ikkunsidrat:

Rigward it-tieni aggravju u cioé illi l-appellant ma giex moghti d-dritt illi jkun assistit minn avukat, il-Qorti taghmel riferenza ghall-ewwel domanda illi saritlu mill-ispettur investigattiv Johann Fenech fl-istqarrija tal-ghaxra (10) ta' Ottubru tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 100), fejn l-appellant wiegeb u ikkonferma illi fil-fatt inghata d-dritt illi jiehu parir legali. Kwindi dan jissodisfa l-kwezit tal-ligi u l-appellant ma jistax issa jilmenta illi huwa irrilaxxa stqarrija minghajr assistenza legali.

L-ewwel aggravju, però, jidher illi hu fondat.

Ikkunsidrat:

L-appellant tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat fl-erbatax (14) ta' Gunju tal-elfejn u ghaxra (2010). L-istqarrija tas-sitta (6) ta' Ottubru tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 100) kwindi giet irrilaxxata fil-mori ta' dawn il-proceduri u l-istess Qorti tal-Magistrati tirrikonoxxi dan fis-sentenza taghha a fol 167. Però ma ghamlet l-ebda kumment dwar dan il-fatt. Bir-rispett il-Qorti hawnhekk jidhrilha illi l-Prosekuzzjoni ma mxietx sew. L-Ispettur Johann Fenech ma kellu l-ebda dritt jistaqsi lill-appellant domandi dwar kaz illi kellu pendenti quddiem il-Qorti biex imbaghad juza dawn id-domandi kontra l-istess appellant u tintalab zieda fl-akkuzi migjuba kontra tieghu. Darba persuna tigi mressqa l-Qorti b'akkuzi definiti, il-pulizija ma jistghux ikellmu lil dik il-persuna in konnessjoni mal-akkuzi pendenti. L-Ispettur Johann Fenech kellu kull dritt jinvestiga lill-appellant dwar xi haga mhux relatata mal-kaz in ezami. Izda ma kellu l-ebda dritt isaqsih domandi dwar il-kawza pendenti u di più johodlu stqarrija biex imbaghad juza din l-istess stqarrija bhala prova kontra l-appellant. L-Ispettur Fenech invjola d-dritt tas-silenzju illi kellu l-appellant darba gie mixli b'akkuzi penali u jekk akkuzat ikun irid jghid xi haga jew jaghti informazzjoni, din hija xelta libera tieghu li jista' jaghti bil-gurament quddiem il-Qorti u mhux f'ufficcju ta' pulizija minghajr il-garanziji

kostituzzjonali li l-ligi taghti lil kull persuna akkuzat b'reat kriminali. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi kwalunkwe referenza ghall-kaz in dezamina illi sar fl-istqarrija tas-sitta (6) ta' Ottubru tal-elfejn u ghaxra (2010) ghandha tigi skartata. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Però din il-Qorti jidhrilha illi anke jekk titwarrab din l-istqarrija fil-kuntest imsemmi xorta jibqghu provi bizzejjed sabiex igaghlu lill-ewwel Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju illi d-droga misjuba fil-pussess volut tal-appellant kienet eroina kif ukoll kokaina f'ammonti illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi ma kinux ghall-uzu personali tieghu. L-ammont ta' droga u l-konsistenza taghha jinsabu dettaljatament deskritti fir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut appuntat appozitament. U din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-appellant inqabad f'cirkostanzi li juru bic-car li l-ispacc tal-eroina u kokaina. L-ewwel Qorti kienet konvinta li t-tfittxijiet illi ghamlu l-pulizija fil-vettura Vitz BLM 786 u dan anke jekk twarrab dak li stqarr l-Ispettur Johann Fenech aktar tard meta kien qed jinvestiga fuq kaz iehor. Irrizulta ukoll illi l-appellant kiser anke l-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-artikolu 22 tal-Kap 446 fil-konfront tal-hames akkuza.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment issib htija tal-ewwel zewg akkuzi ta' traffikar ta' droga eroina u kokaina filwaqt illi qieset it-tieni zewg akkuzi ta' pussess aggravat assorbiti fl-istess.

Meta l-ewwel Qorti giet biex tikkunsidra l-piena qieset l-età tal-appellant, il-ko-operazzjoni tieghu mal-pulizija fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni kif ukoll ulterjorment meta kien qed jigi investigat persuna ohra u kif intqal ikkundannat lill-appellant ghal piena karcerarja ta' tlett snin u nofs u ghall-multa ta' hamest elef ewro (€ 5,000). Però l-ewwel Qorti fil-kunsiderazzjoni taghha tal-quantum tal-piena hadet in konsiderazzjoni ukoll it-tieni stqarrija tas-sitta (6) ta' Ottubru tal-elfejn u ghaxra (2010) li din il-Qorti sabet illi kienet vizzjata. Ghalhekk hemm lok illi tilqa' t-talba tal-appellant ghal temperament fil-piena.

Ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appelalta ghal dak illi jirrigwarda l-htija, tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok piena ta' tlett snin u nofs prigunerija tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs, b'rikonferma tal-multa u spejjez relattivi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------